**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 10 TA' GUNJU 2002.**

**Avviz Numru 223/02 AJD.**
**Philip u Frances konjugi Tanti.**

**Vs**

**Michael Demicoli.**

**It-Ttribunal,**

**Ra l-Avviz prezentat fl-1 ta' Frar 2002 fejn l-atturi premettew li waqt li l-attur Philip Tanti kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni GAQ 082 gewwa National Road, Floriana, fit-3 ta' Frar 2001,sab inciddent tat-traffiku quddiemu, biddel il-lane u sab postu filwaqt li l-konvenut li kien qed isuq il-vettura bin-nuru EAH 398 fl-istess lane warajh bi traskuragni tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel fil-vettura GAQ 082 u**

**kkawzalha diversi danni ammontanti ghal tmien mija u sitta u sebghin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm876.65). L-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallashom dan l-ammont.**
**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz skond il-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u spejjes legali ammontanti ghal LM40.50, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut fejn huw aeccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrihom stante illi fl-incident in kwistjoni huwa ma kellu ebda tort salv kull eccezzjoni ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda ta' PS 1338, Noel Apap, Kenneth Grima, Louis Wellman, l-attur Philip Tanti, u tal-konvenut Michael Demicoli. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.**

**Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-3 ta' Frar 2001 fi Triq Nazzjonali, il-Furjana bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni**

**GAQ 082 misjuqa mill-attur Philip Tanti u l-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni EAH 398 misjuqa mill-konvenut.**

**Illi l-attur xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni GAQ 082 fi Triq Nazzjonali, il-Furjana u hiereg mill-Belt, sejjer fid-direzzjoni tal-Hamrun u qed jipprocedi fil-karreggjata tan-nofs. Malli wasal il-Bombi sab zewg vetturi mahbutin quddiemu, huwa prova jiskapulom billi dar fuq il-lane ta' gewwa izda malli kien qieghed f'posizzjoni bejm zewg lanes qala' daqqa minn wara mill-vettura misjuqa mill-konvenut fuq in-naha tal-lemin. Bid-daqqa l-attur spicca laqat ukoll wahda mill-vetturi mahbutin. L-attur isostni li l-konvenut ukoll kien qed jipprocedi fil-karreggjata tan-nofs u li dakinhar tal-incident kienet ix-xita. In kontro-ezami huwa cahad li kien qed isuq fuq il-lane ta' barra u spjega li spicca fil-karregjata tax-xellug bid-daqqa. Malli wasal kwazi mal-vann mahbut, l-attur jghid li huwa kien bejn il-lane tan-nofs u l-lane ta' gewwa  u kien kwazi wieqaf. Kien f'dan il-mument li qala' d-daqqa fuq wara mill-vettura tal-konvenut.**

**Illi l-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni EAH 398 fi Triq Nazzjonali, il-Furjana u hiereg mill-Belt u qed isuq fil-lane tan-nofs. Malli wasal fil-liwja li hemm malli taqbez l-iljun, ra l-vettura tal-attur tipprocedi fuq il-fast lane, u cioe fuq in-naha tal-lemin tieghu u din il-vettura dahlet habta u sabta fuq il-lane tan-nofs li kien qed jipprocedi fih. Il-konvenut isostni li wara li l-vettura tal-attur giet fil-karreggjata tieghu din kompliet tipprocedi fl-islow**

**lane, huwa ghafas il-brake izda l-vettura tieghu skiddjat u baqghet diehla fil-vettura misjuqa mill-attur. Huwa laqat il-vettura tal-attur fuq wara fin-naha tal-lemin bil-mudguard ta' quddiem tan-naha tal-passiggier. Il-konvenut ikkonferma li l-impatt sehh fil-karreggjata tan-nofs u li wara l-impatt il-vettura tal-attur baqghet sejra fuq l-inner lane.**

**Illi t-Ttribunal huwa tal-fehma li x-xhieda tal-konvenut hija ghal kollox inverosimili stante li wiehed dificilment jista' jemmen li l-vettura tal-attur f'hakka t'ghajn qasmet tlett lanes. Min-naha l-ohra l-verzjoni tal-incident moghtija mill-attur hija korroborata mix-xhieda ta' Kenneth Grima u Louis Wellman, u cioe' is-sewwieqa taz-zewg vetturi l-ohra mahbutin quddiem il-vettura tal-attur. Dawn iz-zewg xhieda raw l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza isehh u huma t-tnejn ikkofermaw li l-attur kien qed jipprocedi fuq il-karreggjata tan-nofs qabel l-impatt . Kenneth Grima fix-xhieda tieghu tat-18 ta' Marzu 2002 jghid hekk** *"Malli smajt il-hoss tal-iskiddjar li semmejt qabel, jiena harist, rajt il-vettura tal-attur gejja fil-lane tal-van, u cioe' fil-lane tan-nofs. Rajt din il-vettura tiskiddja u rajt il-vettura tal-konvenut gejja minn warajha u rajtom jahbtu."* **Dan ix-xhud jghid ukoll** *"Nixtieq inzid ukoll illi l-vettura tal-attur u cioe' l-astra,, kienet kwazi waqfet meta rajt il-vettura tal-konvenut u cioe' l-Iskoda, diehla fiha u imbuttatha fil-van."* **Louis Wellman ukoll xehed b'dan il-mod. It-Tribunal m'ghandu ebda dubju dwar il-kredibilita' ta' dawn ix-xhieda anki peress illi huma zewg xhieda indipendenti. Oltre dak li qalu dawn iz-zewg xhieda hemm ukoll dak li qal is-surgent li nvestiga l-kaz, PS1338, li kkonferma** *"li s-sewwieqa taz-zewg vetturi bin-numru tar-registrazzjoni GAQ 082*

*u EAH 398 rispettivament, it-tnejn ikkonfermaw li kienu qed isuqu fuq il-lane tan-nofs qabel ma sehhet il-habta.”.* **Inoltre jekk wiehed jaghmel riferenza ghal verzjoni li taw il-partijiet “a tempo vergine”, u cioe dik riportata fir-Road Accident Report, isib li filwaqt li l-verzjoni moghtija mill-attur hija konformi ma dik moghtija minnu viva voce quddiem dan it-Tttribunal, il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija kemm xejn differenti. Fil-fatt fir-Road Accident Report insibu li l-konvenut qal hekk “***Was proceeding through National Road in the middle lane and due to slippery road, due to avoid the collision infront dashed into the car infront reg. No. GAQ 082”.* **Jidher ghalhekk li a tempo vergine il-konvenut ma semma’ xejn dwar il-fatt li l-attur kien qed isuq fil-fast lane u f’daqqa wahda qasamlu ghal quddiemu u baqa’ jipprocedi ghal fuq l-islow lane.**

**Illi mill-assjem tal-provi rrizulta inekwivokabilment li l-incident mertu tal-kawza sehh unikament tort tal-konvenut li ma zammx distanza adegwata mill-vettura tal-konvenut waqt li dawn it-tnejn kienu qed jipprocedu fuq il-karreggjata tan-nofs u anki minhabba nuqqas ta’ proper lookout da parti tal-konvenut.**

**Illi l-konvenut ma kkontestax il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi u inoltre l-istess atturi esebew l-ircevuti relattivi ghall-hsarat minnhom reklamati.**

**Ghal dawn il-motivi, iit-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-**

**somma ta' tmien mija u sitta u sebghin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm876.65) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.**

**L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.**

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**